KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 21.10.2010
KUMM(2010) 589 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

RAPPORT ANNWALI DWAR IL-FOND TA' KOEŻJONI (2009)

SEC(2010) 1231 final

WERREJ

1. L-eżekuzzjoni finanzjarja tal-perjodu 2000-2006 fl-2009 u l-għeluq tal-proġetti 3
2. L-ambjent ekonomiku u l-kundizzjonalità 8
3. Verifiki u korrezzjonijiet finanzjarji 8
4. Irregolaritajiet notifikati mill-Istati Membri 11
5. Evalwazzjoni 12
6. Tagħrif u pubbliċità 12

Ir-Regolament (KE) Nru 1084/2006 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1164/94 ma għandux bżonn il-preżentazzjoni ta' rapport annwali dwar il-Fond ta' Koeżjoni.

Għaldaqstant dan ir-rapport huwa ppreżentat f'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1164/1994 u għalhekk ikopri l-implimentazzjoni ta' proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni fl-2009, li kienu ġew adottati fil-perjodu 2000-2006 kif ukoll il-proġetti li qabel kienu jaqgħu taħt l-ISPA fl-Istati Membri konċernati, inklużi l-Bulgarija u r-Rumanija.

Bħala konsegwenza ta' dan, dan ir-rapport ikopri proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni fit-13-il Stat Membru benefiċjarju kif kien il-każ fl-aħħar tal-2006, jiġifieri l-Greċja, Spanja, il-Portugall, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, is-Slovakkja u s-Slovenja, kif ukoll proġetti li kienu jaqgħu taħt l-ISPA adottati fil-perjodu 2000-2006 fil-Bulgarija u r-Rumanija. Għandu jitfakkar li b'riżultat tat-tkabbir ekonomiku, l-Irlanda ma baqgħetx eliġibbli sa mill-1 ta' Jannar 2004. Minkejja dan, għadhom iridu jingħalqu xi proġetti tal-Fond tal-Koeżjoni.

Dettalji dwar l-implimentazzjoni tal-proġetti fl-2009 li kienu ġew adottati fil-perjodu 2000-2006 għal kull Stat Membru huma ppreżentati fl-Anness ma' dan ir-rapport.

1. L-EŻEKUZZJONI FINANZJARJA TAL-PERJODU 2000-2006 FL-2009 U L-GĦELUQ TAL-PROĠETTI

Pagamenti fl-2009 għal proġetti adottati fil-perjodu 2000-2006

Minħabba li l-impenji kollha għall-proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni ffinanzjati fil-perjodu tal-programm 2000-2006, kienu esegwiti sal-31 ta' Diċembru 2006, ir-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-Fond ta' Koeżjoni fl-2009 kienu biss jikkonsistu minn approprjazzjonijiet ta' pagamenti.

Il-baġit inizjali tal-2009 għall-proġetti tal-Fond tal-Koeżjoni 2000-2006 ammontaw għal EUR 3 892 miljun. Madankollu, il-baġit finali tnaqqas għal EUR 2,777 miljun. It-tnaqqis jista' jiġi ġġustifikat bl-eżekuzzjoni li saret b'mod sinifikament aħjar fl-2008, fejn il-pagamenti qabżu l-baġit vvutat b'madwar 30 %. Sabiex timtela' l-lakuna bejn ir-riżorsi disponibbli u d-domanda għall-pagamenti fl-2008, saru trasferimenti mil-linja tal-baġit marbuta mal-programmi tal-Fond tal-Koeżjoni 2007-2013. Dan sar minħabba li l-perjodu 2007-2013 kellu bidu iktar kajman u għalhekk fl-2008 l-Istati Membri għażlu li jibbilanċjaw id-dewmien billi iffukaw fuq l-implimentazzjoni tal-proġetti 2000-2006.

Fl-2009, il-folja nqalbet u l-approprijazzjonijiet tal-pagamenti pendenti 2000-2006 ġew ittrasferiti għall-programmi tal-Fond tal-Koeżjoni 2007-2013 li ppermettew l-eżekuzzjoni ta' 100 % tal-krediti tal-pagamenti għall-programmi u l-proġetti tal-Fond tal-Koeżjoni ffinanzjati skont iż-żewġ perjodi ta' programmazzjoni. Ta' min jinnota li l-approprijazzjonijiet disponibbli ta' EUR 2,777 miljun ġew ezegwiti bis-sħiħ sal-aħħar tal-2009, u rriżultaw f'iktar minn EUR 300 miljuni f'pagamenti li saru fl-2009 meta mqabbel mal-eżekuzzjoni tal-2008 (EUR 2,489 miljun).

Fir-rigward tal-linji ta' baġit ex-ISPA, l-approprijazzjonijiet disponibbli ġew eżegwiti 100 %.

Fl-aħħar tal-2009, ir-rata medja ta' assorbiment (pagamenti vs impenji) tal-pajjiżi kollha benefiċjarji bħalissa kemm għall-Fond ta' Koeżjoni kif ukoll għal proġetti li qabel kienu jaqgħu taħt l-ISPA kienet ta' 75,8 %. L-assorbiment baxx għall-Bulgarija fl-aħħar tal-2008 (39,8 %) ttejbet b'mod sinifikanti waqt l-2009, u rrizultat f'rata ta' 56,5 %. L-Istati Membri l-oħra ivarjaw bejn 65,8 % (il-Polonja u r-Rumanija) u 92,8 % (l-Irlanda).

Tabella 1: Implimentazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni u pagamenti li qabel kienu jaqgħu taħt l-ISPA fl-2009 (f'Euro)

L-Approprjazzjoni jiet tal-Ħlas	Bidu	Ċaqliq	Riżorsi finali	Riżultat	Immexxija għall-2010
Il-Fond ta' Koeżjoni	3 892 453 278	-1 115 315 452	2 777 137 826	2 777 137 825	-
Qabel kienu ISPA	400 000 000	+128 969 059	528 969 059	528 969 059	-
TOTAL	**4 292 453 278**	**-986 346 395**	**3 306 106 885**	**3 306 106 885**	

It-Tabella 2 turi l-livell ta' pagamenti fl-2009 għal kull Stat Membru**.** Il-pagamenti magħmula fil-qafas tal-kontribuzzjoni li qabel kienet taqa' taħt l-ISPA billi dawn inbidlu kollha fi proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni fid-data tal-adeżjoni. Il-pajjizi benefiċjarji ewlenin huma Spanja mill-grupp UE-4, il-Polonja mill-grupp UE-10 u r-Rumanija mill-grupp UE-2.

Tabella 2: Pagamenti magħmula fl-2009 għal Fond ta' Koeżjoni u proġetti li qabel kienu jaqgħu taħt l-ISPA għal kull Stat Membru (inkluża l-assistenza teknika)

Stat Membru	Ambjent		Trasport		Ghajnuna teknika	TOTAL	
	Ammont	% (meta mqabbel mar-riżultati tal-FK tal-2009 mill-IM)	Ammont	% (meta mqabbel mar-riżultati tal-FK tal-2009 mill-IM)	Ammont	Ammont	% (meta mqabbel mal-ammont globali tal-FK)
Il-Greċja	87 787 992	32,8%	179 354 927	67,0%	483 890	267 626 809	8,1%
Il-Portugall	217 958 948	69,4%	95 310 572	30,4%	662 867	313 932 387	9,5%
L-Irlanda	10 700 000	46,7%	12 231 279	53,3%	-	22 931 279	0,7%
Spanja	438 942 360	61,6%	273 080 132	38,4%	-	712 022 492	21,5%
UE 4	**755 389 300**	**57,4%**	**559 976 910**	**42,5%**	**1 146 757**	**1 316 512 967**	**39,8%**
Ċipru	8 236 548	100,0%	-	-	-	8 236 548	0,2%

Stat Membru	Ambjent		Trasport		Ghajnuna teknika	TOTAL	
	Ammont	% (meta mqabbel mar-riżultati tal-FK tal-2009 mill-IM)	Ammont	% (meta mqabbel mar-riżultati tal-FK tal-2009 mill-IM)	Ammont	Ammont	% (meta mqabbel mal-ammont globali tal-FK)
Ir-Repubblika Ċeka	110 536 127	61,8%	68 256 254	38,2%	-	178 792 381	5,4%
L-Estonja	26 598 027	63,9%	11 887 556	28,6%	3 131 117	41 616 700	1,3%
L-Ungerija	101 174 649	40,8%	145 002 371	58,5%	1 843 895	248 020 915	7,5%
Il-Latvja	23 221 184	55,6%	18 360 386	43,9%	205 401	41 786 971	1,3%
Il-Litwanja	54 895 917	54,1%	43 992 426	43,4%	2 548 928	101 437 271	3,1%
Malta	-	-	-	-	2.909	2.909	0,0%
Il-Polonja	473 658 296	56,6%	351 643 624	42,0%	11 512 473	836 814.393	25,3%
Is-Slovakkja	46 574 012	99,5%	-	-	244 253	46 818 265	1,4%
Is-Slovenja	20 483 408	51,4%	19 354 671	48,6%	-	39 838 079	1,2%
UE 10	**865 378 168**	**56,1%**	**658 497 288**	**42,7%**	**19 488 976**	**1 543 364 432**	**46,7%**
Il-Bulgarija	67 755 746	46,6%	69 324 323	47,7%	8 384 684	145 464 754	4,4%
Ir-Rumanija	198 052 988	65,8%	95 213 178	31,7%	7 498 566	300 764 732	9,1%
UE 2	**265 808 734**	**59,6%**	**164 537 501**	**36,9%**	**15 883 250**	**446 229 486**	**13,5%**
TOTAL	**1 886 576 202**	**57,1%**	**1 383 011 699**	**41,8%**	**36 518 983**	**3 306 106 885**	**100,0%**

Impenji pendenti mill-perjodu 2000-2006

Fi tmiem l-2009, l-impenji pendenti ("*reste à liquider*", RAL) li jikkorrispondu għall-perjodu 2000-2006 ammontaw għal EUR 8.4 biljun.

Tabella 3: Ammonti aċċettati tal-Fond ta' Koeżjoni u li qabel kienu jaqgħu taħt l-ISPA mill-2000 sa l-2006 (inkluż ir-RAL)

Stat Membru	Impenjati (sal-12/2009)	Imħallsa (sal-12/2009)	% Imħallas	RAL kif kien fil-31/12/2009	% RAL
Il-Greċja	3 565 195 978	2 715 334 857	76,2%	849 861 122	23,8%
Spanja	12 915 179 288	10 519 496 170	81,5%	2 395 683 119	18,5%
L-Irlanda	625 755 407	580 710 223	92,8%	45 045 184	7,2%
Il-Portugall	3 497 201 489	2 741 059 557	78,4%	756 141 931	21,6%
TOTAL UE-4	**20 603 332 162**	**16 556 600 807**	**80,4%**	**4 046 731 356**	**19,6%**
Ċipru	54 014 695	40 029 810	74,1%	13 984 885	25,9%
Ir-Repubblika Ċeka	1 226 581 086	975 579 344	79,5%	251 001 742	20,5%
L-Estonja	425 431 731	330 768 303	77,7%	94 663 429	22,3%
L-Ungerija	1 481 998.333	1 028 122 934	69,4%	453 875 399	30,6%
Il-Latvja	713 987 456	541 309 058	75,8%	172 553 278	24,2%
Il-Litwanja	825 354 775	661 411 795	80,1%	163 942 980	19,9%
Malta	21 966 289	17 532 611	79,8%	4 433.678	20,2%
Il-Polonja	5 634 539 614	3 708 555 930	65,8%	1 925 983 684	34,2%
Is-Slovakkja	766 117 246	586 031 109	76,5%	180 086 137	23,5%
Is-Slovenja	254 197 825	202 417 662	79,6%	51 780 164	20,4%
TOTAL UE-10	**11 404 063 930**	**8 091 758 556**	**71,0%**	**3 312 305 376**	**29,0%**
Il-Bulgarija	876 947 183	495 486 300	56,5%	381 460 884	43,5%
Ir-Rumanija	2 037 250 711	1 340 892 809	65,8%	696.357 902	34,2%
TOTAL UE 2	**2 914 197 894**	**1 836 379 109**	**63,0%**	**1 077 818 786**	**37,0%**
TOTAL	**34 921 593 986**	**26 484 738 472**	**75,8%**	**8 436 855 518**	**24,2%**

Għeluq ta' proġetti mill-perjodu 2000-2006

Fl-aħħar tal-2009, l-għadd totali tal-proġetti tal-Fondi tal-Koeżjoni għall-perjodu 2000-2006 (inklużi l-proġetti li kienu jaqgħu taħt l-ISPA) laħaq l-299. L-għadd ta' proġetti li baqa' biex jingħalqu niżlu minn 976 sal-aħħar tal-2008 sa 893 sal-aħħar tal-2009. It-Tabella 4 telenka informazzjoni dwar proġetti magħluqin sal-aħħar tal-2009 (għal kull Stat Membru).

Tabella 4: L-għadd ta' proġetti FK magħluqin sal-aħħar tal-2009 (inklużi dawk li qabel kienu jaqgħu taħt l-ISPA)

Stat Membru	Numru totali ta' proġetti FK	Proġetti magħluqa sa minn tmiem l-2009		l-għadd ta' proġetti miftuħa fl-aħħar tal-2009
		Għadd ta' proġetti	Total imħallas bl-Ewro	
Ir-Repubblika Ċeka	58	19	350 331 885	39
L-Estonja	37	20	106 548 425	17
Il-Greċja	124	49	1 150 632 586	75
Spanja	407	110	2 969 559 629	297
L-Irlanda	10	4	357 368 796	6
Ċipru	2	0	0	2
Il-Latvja	46	10	44 331 604	36
Il-Litwanja	51	13	159 495 999	38
L-Ungerija	47	11	26 071 037	36
Malta	3	0	0	3
Il-Polonja	130	6	68 915 348	124
Il-Portugall	109	32	810 129 887	77
Is-Slovenja	28	10	72 460 238	18
Is-Slovakkja	39	9	60 041 606	30
UE 14	**1 091**	**293**	**6 175 887 040**	**798**
Il-Bulgarija	38	3	27 044 270	35
Ir-Rumanija	63	3	2 191 214	60
UE 2	**101**	**6**	**29 235 484**	**95**
Total	**1 192**	**299**	**6 205 122 524**	**893**

2. L-AMBJENT EKONOMIKU U L-KUNDIZZJONALITÀ

L-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94, li jistipula r-regoli tal-Fond ta' Koeżjoni approvati qabel l-aħħar tal-2006, jagħti kundizzjonijiet għal politika baġitarja għall-ħruġ ta' flus mill-Fond. Dan jipprevedi li "l-ebda proġett ġdid jew, fil-każ ta' proġetti importanti, l-ebda stadju ta' proġett ġdid ma għandu jiġi ffinanzjat mill-Fond fi Stat Membru fil-każ li l-Kunsill, huwa u jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, isib li l-Istat Membru […] ma implimentax [il-programm ta' stabbiltà jew ta' konverġenza tiegħu] b'tali mod biex jevita defiċit eċċessiv".

Fl-aħħar tal-2009, 11-il Stat Membru eliġibbli għal għajnuna taħt il-Fond ta' Koeżjoni (il-Greċja, Spanja, il-Portugall, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja u Malta) kienu involuti fil-proċedura tad-defiċit eċċessiv (PDE) li, skont ir-Regolament imsemmi hawn fuq, tista' taħt ċerti ċirkostanzi tkun assoċjata mas-sospensjoni ta' trasferimenti mill-Fond. Fl-2009 ġew evalwati tliet każijiet (il-Greċja, Spanja u l-Ungerija) minn azzjoni effettivi meħuda f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont l-Artikolu 104(7) TKE. Il-Kunsill iddeċieda li Spanja u l-Ungerija ħadu azzjoni effettiva u ħarġu rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 126(7) TFUE. Huwa biss fil-każ tal-Greċja li l-Kunsill iddeċieda li skont l-Artikolu 126(8) TFUE l-awtoritajiet ma ħadux azzjoni effettiva b'reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill biex itemmu d-defiċit eċċessiv, izda s-sospensjoni tal-pagamenti mill-Fond tal-Koeżjoni ma kinitx rrakkomandata dak iż-żmien.

3. VERIFIKI U KORREZZJONIJIET FINANZJARJI

Fl-2009, is-servizzi tal-verifika fir-rigward tal-perjodu 2000-2006 ffukaw fuq it-tħejjija għall-eġħluq permezz ta' missjonijiet ta' reviżjoni tax-xogħol ta' entitajiet nazzjonali ta' likwidazzjoni u fuq l-eġħluq prattiku tal-proġetti tal-Fond tal-Koeżjoni tal-perjodu 2000-2006 permezz ta' analiżi tad-dikjarazzjonijiet ta' likwidazzjoni.

Xogħol ta' verifika finanzjarja għall-perjodu ta' Programmazzjoni 1994-1999 – UE 4 (il-Greċja, l-Irlanda, il-Portugall, Spanja).

L-inkjesta dwar l-għeluq tal-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu 1994-1999 kopriet l-10 % tal-proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni li jirrappreżentaw 20 % tal-ispiża kofinanzjata matul l-istess perjodu. L-istħarriġ kien finalizzat fl-2003 u n-nuqqasijiet prinċipali misjuba kienu verifiki amministrattivi insuffiċjenti li waslu għal spejjeż mhux eliġibbli u ksur tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku. Il-proċeduri ta' segwitu u korrezzjoni finanzjarja li rriżultaw minn inkjesta ta' likwidazzjoni ġew konklużi kollha sal-aħħar tal-2009, minbarra każ wieħed li baqa' (fi Spanja) li jrid jiġi ffinalizzat sar-rebbiegħa tal-2010.

Xogħol ta' verifika għall-perjodu ta' Programmazzjoni 2000-2006 – UE 16 (UE 10 + UE 4+EU2).

Fl-2009, għall-Istati Membri tal-UE-14, id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjunali wettaq tliet missjonijiet ta' verifika (fi Spanja, fil-Portugall u fil-Greċja) għar-reviżjoni tal-entitajiet tal-likwidazzjoni sabiex jivverifika t-tħejjija tal-Istati Membri għal-likwidazzjoni u jidentifika u jnaqqas ir-riskji relatati. Barra minn hekk,

twettqu sitt missjonijiet oħra ta' verifika fil-(Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, l-Ungerija u tnejn fir-Rumanija).

Għall-egħluq tal-proġetti tal-Fond tal-Koeżjoni 2000-2006, is-servizzi tal-verifika tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjunali eżaminaw id-dikjarazzjonijiet ta' għeluq imressqa mill-Istati Membri.

Xogħol ieħor ta' verifika li sar għall-Fond tal-Koeżjoni inkluda l-eżaminazzjoni tar-rapporti ta' kontroll annwali nazzjonali skont l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1386/2002 u r-reviżjoni tar-rapporti ta' verifika tas-sistema nazzjonali lill-Kummissjoni. Sal-aħħar tal-2009, il-maġġoranza tar-rapporti ġew analizzati, u r-risposti intbagħtu lill-Istati Membri b'osservazzjonijiet u, fejn meħtieġ, talbu informazzjoni addizzjonali.

Ta' kull sena jsiru laqgħat bilaterali bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet ta' verifika nazzjonali li permezz tagħhom isir skambju ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-ħidma ta' verifika u jiġi diskuss il-progress dwar il-kampjuni tal-kontrolli u dak li jkun irriżulta mill-verifika. Il-laqgħat li koprew il-ħidma ta' verifika mwettqa fis-sena 2008 saru bejn ir-rebbiegħa u s-sajf tal-2009. Il-laqgħat annwali ta' koordinazzjoni bilaterali li jkopru l-ħidma ta' verifika li saret fl-2009 saru fir-rebbiegħa u s-sajf tal-2010.

L-impatt tal-kontrolli

Id-deċizjonijiet ta' sospensjoni u l-korrezzjonijiet finanzjarji tal-Fond tal-Koeżjoni fl-2009.

Fir-rwol superviżorju tiegħu, id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjunali stabbilixxa politika fl-2008 biex jiżgura adozzjoni iktar rapida tad-deċizjonijiet għas-sospensjonijiet tal-pagamenti u tal-korrezzjonijiet finanzjarji meta jiġu lokalizzati dgħufijiet serji fis-sistemi. L-approċċ iktar rigoruż kompla fl-2009.

Fl-2009, iċ-ċifra globali ta' korrezzjonijiet finanzjarji għall-Fond ta' Koeżjoni kien ta' madwar EUR 86 miljun, meta mqabbel ma madwar EUR 92.7 miljun fl-2008 (fir-rigward ta' kemm il-perjodu bejn 1994-1999 kif ukoll ta' dak bejn 2000-2006). Dan itella' l-korrezzjonijiet finanzjarji kumulattivi totali tal-Fond tal-Koeżjoni fil-perjodu 2000-2009 għal EUR 233 miljun għall-perjodu 2000-2006 u għal EUR 273 miljun għall-perjodu 1994-1999. Fl-2009 ma ġew adottati l-ebda deċizjonijiet għal proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni.

Fl-aħħar tal-2009, il-proċeduri ta' sospensjoni u korrezzjoni kienu fi progress għal għadd totali ta' madwar 99 proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni (2000-2006) li jkopri madwar EUR 149 miljun

Tabella 5: Korrezzjonijiet Finanzjarji tal-Fond ta'Koeżjoni fl-2009 skont il-perjodu u l-pajjiż (f'EUR)[1]

Stat Membru	Il-Fond ta' Koeżjoni		TOTAL
	Perjodu	Perjodu	
	2000-2006	1994-1999	
Il-Bulgarija	2 413 615	-	2 413 615
Ċipru	-	-	-
Ir-Repubblika Ċeka	113 008	-	113 008
L-Estonja	-	-	-
Il-Greċja	2 452 289	-	2 452 289
Spanja	21 592 738	4 771 861	26 364 599
L-Ungerija	40 497 367	-	40 497 367
L-Irlanda	-	-	-
Il-Latvja	-	-	-
Il-Litwanja	649 156	-	649 156
Malta	-	-	-
Il-Polonja	-	-	-
Il-Portugall	205 714	4 987 861	5 193 575
Ir-Rumanija	8 067 402	-	8 067 402
Is-Slovenja	-	-	-
Is-Slovakkja	-	-	-
TOTAL	75 991 289	9 759 722	**85 751 011**

Is-sistemi ta' Ġestjoni u ta' Kontroll

Fir-Rapport ta' Attività Annwali tad-Direttorat Ġenerali għall-2009, għat-tħaddim tas-sistemi ta' tmexxija u ta' kontroll (2000-2006), ingħatat opinjoni mhux kwalifikata għas-sistemi f'sitt Stati Membri (Ċipru, l-Estonja, il-Greċja, Malta u s-Slovenja).

[1] Inklużi korrezzjonijiet li jkunu saru minn Stati Membri, wara ftehim skont il-proċedura rilevanti jew b'riżultat tal-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni u deċiżjonijiet formali tal-Kummissjoni. Inklużi korrezzjonijiet implimentati b'riżultat ta' xogħol tal-Kummissjoni iżda mwettqa waqt l-implimentazzjoni jew l-egħluq tal-proġetti.

Għal disa' Stati Membri, l-opinjoni kienet kwalifikata b'impatt sinifikanti b'riżultat ta' defiċjenzi fil-materjal li jaffettwaw elementi kritiċi tas-sistemi (il-Bulgarija – settur tat-trasport, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Latvja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u Spanja).

Settur wieħed biss tal-FK f'wieħed mill-Istati Membri (Bulgarija - settur ambjentali) tqiegħed taħt riżerva fir-rapport ta' Attività Annwali tad-Direttorat Ġenerali għall-2009 primarjament minħabba ksur ta' regoli ta' prokura pubblika. Fl-2010 għaddej xogħol biex jirretifika l-problemi identifikati flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali.

4. IRREGOLARITAJIET NOTIFIKATI MILL-ISTATI MEMBRI

Fl-2009, l-Istati Membri rrappurtaw lill-Kummissjoni, skont ir-Regolament (KE) Nru 1831/94, 109 notifika ta' irregolarità li jinvolvu l-ammont totali affettwat ta' EUR 67,304,951 fir-rigward tal-proġetti kofinanzjati. Minn dan l-ammont, EUR 56 673 503 ġew irkuprati, u l-kumplament għad iridu jiġu rkuprati. Il-pajjizi li rrapportaw il-biċċa l-kbira tal-każijiet huma l-Portugall, Spanja u l-Polonja (27, 20 u 19 rispettivament). Il-Portugall irraporta 39% tal-ammont involut. Ta' min jinnota wkoll li l-Ungerija b'erba' notifiki hija t-tieni mil-lat ta' ammont involut. Barra minn hekk, waqt l-istess perjodu l-Bulgarija kkomunikat lill-Kummissjoni, skont ir-Regolament (KE) Nru 1828/2006[2] applikabbli għall-perjodu 2007-2013, 17-il notifika ta' irregolarità li jinvolvu l-ammont totali affettwat ta' madwar EUR 3,6 miljun fir-rigward tal-proġetti kkofinanzjati mill-UE.

L-għadd ta' notifiki juru tnaqqis sinifikanti, meta mqabbel mas-sena ta' qabel, madankollu, l-ammont involut jibqa' fl-istess livell. It-tipi ewlenin ta' irregolaritajiet irrapportati huma nefqa ineliġibbli, u l-ksur tar-regoli għall-akkwist pubbliku. Dawn iż-żewġ tipoloġiji jkopru kważi 75 % tal-każijiet kollha rrappurtati.

Tabella 6: Irregolaritajiet ikkomunikati mill-Istati Membri fl-2009 (f'EUR)

Stat Membru	Għadd ta' irregolaritajiet	Ammonti finanzjarji	Ammonti li qegħdin jistennew rkupru
Il-Bulgarija	17	3 578 740	3 578 740
Ċipru	0	0	0
Ir-Repubblika Ċeka	3	1 924 920	0
L-Estonja	0	0	0
Il-Greċja	14	4 780 520	1 684 211
Spanja	20	4 351 765	3 622 443
L-Ungerija	4	18 449 851	40 387
L-Irlanda	0	0	0

[2] ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 846/2009 (ĠU L 250,23.09.2009).

Stat Membru	Għadd ta' irregolaritajiet	Ammonti finanzjarji	Ammonti li qegħdin jistennew rkupru
Il-Latvja	0	0	0
Il-Litwanja	2	4 491 703	0
Malta	1	39. 133	39 133
Il-Polonja	19	2 275 178	49 542
Il-Portugall	27	24 575 760	1 332 009
Ir-Rumanija	0	0	0
Is-Slovenja	1	2 552 398	0
Is-Slovakkja	1	284 983	284 983
TOTAL	109	67 304 951	**10 631 448**

5. EVALWAZZJONI

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jagħmlu stima u evalwazzjoni tal-proġetti kollha kkofinanzjati. Il-proġetti li se jkunu ffinanzjati mill-Fond jkunu adottati mill-Kummissjoni bi ftehim mal-Istati Membri benefiċjarji.

Il-Kummissjoni tesegwixxi evalwazzjoni ex-post tal-Fond ta' Koeżjoni. L-aħħar evalwazzjoni kienet ippublikata fl-2005 u kkunsidrat 200 proġett implimentati matul il-perjodu 1993-2002. Tnediet evalwazzjoni ġdida *ex-post* fl-2009 u se tikkunsidra proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni u proġetti li kienu jaqgħu taħt l-ISPA implimentati matul il-perjodu 2000-2006. Fil-qafas ta' sett ta' tliet "pakketti ta' xogħol" interkonnessi, l-evalwazzjoni għandha tevalwa l-kontribut tal-Fond ta' Koeżjoni u l-ISPA għall-izvilupp tas-sistema tat-Trasport tal-UE, biex jinkiseb l-*acquis* tal-UE fil-qafas tal-ambjent u l-effett tal-ISPA bħala tħejjija għall-programmi Strutturali u tal-Fond tal-Koeżjoni. Barra minn hekk, l-analizi *ex post* tal-benefiċċji/spejjeż għandhom jitwettqu għal kampjun ta' proġetti tat-trasport u tal-ambjent li jidentifikaw lezzjonijiet għal perjodi ta' programmar fil-futur.

6. TAGHRIF U PUBBLIĊITÀ

Kif indikat fir-rapport annwali għall-2007, kwistjonijiet dwar il-Fond ta' Koeżjoni, mill-1 ta' Jannar 2007, se jiġu ttrattati fil-Kumitat għall-Koordinazzjoni tal-Fondi (COCOF, skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006)

Bosta kwistjonijiet ta' interess komuni għall-FEŻR u Fond ta' Koeżjoni ġew ippreżentati jew diskussi waqt il-laqgħat tal-COCOF fl-2009, per eżempju:

- Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1828/2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew

għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali;

- Deċizjoni tal-Kummissjoni li temenda d-Deċizjoni dwar il-finanzjament tal-programm għall-uzu tal-assistenza teknika operattiva u non-operattiva bl-inizjattiva ta' jew f'isem il-Kummissjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Rurali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK) għall-2009;

- Deċizjoni tal-Kummissjoni dwar il-finanzjament tal-programm għall-użu tal-assistenza teknika operattiva u non-operattiva bl-inizjattiva ta' jew f'isem il-Kummissjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Rurali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK) għall-2010;

Fir-rigward tal-miżuri tal-Kummissjoni dwar l-informazzjoni u l-pubbliċità, il-punt fokali fl-2009 kellu zewġ aspetti. L-ewwel nett, biex jiżgura l-pubblikazzjoni tal-lista ta' benefiċjarji tal-Fondi tal-UE mmaniġjati mill-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 7.2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006. It-tieni, id-Direttorat Ġenerali għal Politika tar-Reġjuni, ippubblika dettalji ta' proġetti kbar, inkluzi dawk iffinanzjati mill-Fond tal-Koeżjoni, kemm għall-perjodu 2000-2006 kif ukoll għall-perjodu 2007-2013. Id-dettalji ta' bosta minn dawn il-proġetti huma disponibbli f'dejtabase ta' tfittxija fuq il-websajt INFOREGIO. S'issa, hemm 'il fuq minn 300 proġett elenkat fid-database (li jinkludu proġetti kbar u proġetti oħra ffinanzjati permezz tal-programmi 2007-2013).